VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 18,987, 13 ta' Novembru, 2012
Taqsima B

A.L. 400 tal-2012

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. – għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6 (b) (v) tal-Istatut għall-Istitut u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

It-Titlu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2012 skont ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy - Ph.D. - għall-Grad ta' Doctor of Philosophy taħt il-patroċinju tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.;

"l-Istitut" tfisser l-Istitut għat-Turiżmu, l-Ivvjaġġar u l-Kultura; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti tal-2008 għall-Grad ta' Doctor of Philosophy – Ph.D.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2011 'il quddiem.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-applikanti għall-Grad offrut mill-Istitut għandhom ikollhom wieħed minn dawn il-gradi li ġejjin:

(a) grad ta' Master ta' din jew ta' università oħra f'wieħed minn dawn l-oqsma ta' studju li ġejjin: it-Turiżmu, l-Ekonomija, il-Finanzi, il-Management, il-Marketing, il-Public Policy, u s-Social Policy jew f'qasam ta' studju relatat kif approvat mill-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat;

(b) il-grad ta' Master of Business Administration ikklassifikat Għadda b'Distinzjoni minn din jew minn università approvata oħra;

(ċ) grad ta' Master of Business Administration ta' din jew ta' università approvata oħra flimkien ma' grad ta' Bachelor miksub tal-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri minn din jew minn università approvata oħra;

(d) grad ta' Bachelor miksub fl-Ewwel Klassi bl-Unuri jew fit-Tieni Klassi bl-Unuri (ta' Fuq) ta' din jew ta' università oħra fl-oqsma tat-Turiżmu, l-Ekonomija, il-Finanzi, il-Management, il-Marketing, il-Public Policy, is-Social Policy, l-Istorja, l-Arkittettura jew f'qasam ta' studju relatat kif approvat mill- Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat,

sakemm li fil-każijiet kollha msemmija fis-sotto-paragrafi (a) sa (d) ta' dan l-ordinament, il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat:

(i) jaċċerta ruħu li l-applikant għandu sfond b'saħħtu ħafna fl-oqsma ta' studju relatati mal-qasam tar-riċerka propost; u

(ii) jissottometti rakkomandazzjoni b'motivazzjoni ċara biex l-istudent ikun aċċettat lill-Bord għall-konsiderazzjoni aktar tard tal-Kumitat tal-Ph.D. u tas-Senat.

4. (1) L-applikanti jistgħu jissottomettu l-formola tal-applikazzjoni tagħhom, flimkien ma' proposta ta' riċerka komprensiva li tiddeskrivi l-proġett propost, inkluż is-sorsi u l-materjali tar-riċerka, fi kwalunkwe żmien tas-sena.

(2) L-applikanti jistgħu jiġu mitluba wkoll li juru l-kompetenza tagħhom f'dawk il-ħiliet meħtieġa min-natura tar-riċerka proposta.

Il-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat

5. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat li jinħatar Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat li jkun magħmul kif ġej:

VERŻJONI ELETTRONIKA

Id-Direttur tal-Istitut jew delegat (*Chairperson*)
3 - 4 membri li għandhom kwalifiki akkademiċi fil-livell tad-dottorat.

Is-Superviżjoni u l-Progress tal-Istudenti

6. Is-Superviżuri Prinċipali huma meħtieġa jissottomettu rapport bil-miktub lill-Bord, permezz tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat, kull sena għall-istudenti kollha li jaqgħu taħt is-superviżjoni tagħhom.

7. L-istudenti għandhom jitħallew ikomplu bl-istudji tagħhom biss jekk ir-rapporti tas-Superviżur Prinċipali tagħhom juru li qed jagħmlu progress sodisfaċenti. Jekk ir-rapport ikun negattiv, il-Bord għandu jagħmel ir-rakkomandazzjonijiet tiegħu lis-Senat dwar il-kontinwazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-istudent għall-Grad.

8. (1) Wara għall-anqas 12–il xahar ta' studju *full-time*, l-istudenti huma meħtieġa jissottomettu rapport li jiddiskrivi x-xogħol tar-riċerka mwettaq għall-konsiderazzjoni ta' bord *ad hoc.* Il-bord *ad hoc* ikun maħtur mill-Bord fuq il-parir tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat u jkun magħmul minn *chairman*, is-Superviżur Prinċipali u membru akkademiku b'għarfien espert fil-qasam tar-riċerka tal-istudenti.

(2) Il-bord *ad hoc* għandu jeżamina lill-istudent b'mod orali u għandu l-ewwel jissottometti rapport bil-miktub għall-konsiderazzjoni tal-Kumitat tal-Istitut għad-Dottorat. Ir-rapport għandu jinkludi rakkomandazzjonijiet skont il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali.

9. L-istudenti reġistrati fl-Istitut jistgħu jkunu meħtieġa jipparteċipaw fir-riċerka u t-tagħlim tal-programmi tal-Istitut.

Il-Preżentazzjoni u l-Format tat-Teżi

10. Sitt xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni l-istudenti għandhom ikunu nfurmati li huma għandhom jażvaw lill-Istitut li se jissottomettu t-teżi tagħhom għall-eżami mhux anqas minn tliet xhur qabel iż-żmien meta għandha ssir is-sottomissjoni.

11. Il-Bord għandu jirrakkomanda lis-Senat il-ħatra tal-Bord tal-Eżaminaturi skont ir-Regolamenti Prinċipali.

12. Il-Bord għandu japprova u jippubblika l-linji gwida rigward il-format u l-preżentazzjoni tat-teżi għall-Grad.

13. (1) L-istudenti jkunu meħtieġa jissottomettu kopja mingħajr legatura tat-teżi tagħhom għal kull membru tal-Bord tal-Eżaminaturi, skont il-format indikat fil-linji gwida ppubblikati, flimkien ma' kopja f'format diġitali. L-uffiċjal inkarigat mill-Istitut għandu joħroġ riċevuta datata.

VERŻJONI ELETTRONIKA

(2) Meta jtemmu b'suċċess l-istudji tagħhom, l-istudenti għandhom jissottomettu lill-Istitut, sa sitt ġimgħat mill-pubblikazzjoni tar-riżultat, tliet kopji tat-teżi b'legatura ħoxna flimkien ma' kopja f'format diġitali. Kopja waħda tat-teżi għandha tinżamm fil-Librerija tal-Istitut u kopja oħra fil-Librerija tal-Università. L-istudenti li ma jikkonformawx ma' dan l-ordinament ma jingħatawx il-Grad.